MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Numru. 269/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Laurence Vella**

Kaz Numru: 269/2013

Illum 25 ta' Novembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Laurence Vella**, bin George u Theresa neé Mizzi, imwieled fit-28 ta' Marzu, 1958, residenti fil-fond "Lawtess", Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 16658(G), akkuzat talli:

1. nhar il-5 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 10:45a.m. fl-inhawi maghrufa bhala tal-Kalanijiet, Kercem, Ghawdex, insulenta jew hedded lil Paul Tabone bi kliem;

2. hebb ghall-istess Paul Tabone u volontarjament ikkagunalu griehi ta' natura hafifa kif iccertifikat Dr. M. Attard MD tal-Isptar Generali t'Ghawdex;

3. hebb b'arma irregolari ghall-istess Paul Tabone;

4. bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz is-CD mmarkat bhala Dok. "MX 1".

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelant.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi gew addebitati erba' imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**:

Illi din l-imputazzjoni ma giet bl-ebda mod pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**:

Illi, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Pace** moghtija fid-9 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m'hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita' ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna l-ohra."

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2013, il-Prosekuzzjoni ezebit zewg certifikati medici rilaxxati minn Dr. Marlene Attard u Dr. Teddy George Farrugia, liema certifikati medici gew immarkati bhala Dok. "A" u Dok. "B". Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013, Dr. Marlene Attard, filwaqt li kkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha, xehdet li l-griehi sofferti mill-kwerelant kienu ta' natura hafifa. M'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**:

Illi l-Qorti semghet kif l-imputat kellu mghazqa f'idu. Din l-imghazqa giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JA 2". Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.
>
> (2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u kif ukoll ta' dak li semghet u rat[1] il-Qorti, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**:

Illi Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta'

1 mis-*CD* li gie mmarkat bhala Dok. "MX 1".

> ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi".

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "[G]ie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".

In segwitu ta' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-imputat ikkommetta l-"hsara" rikjesta taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex pruvat xi hsara sofra l-kwerelant u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom biss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat Artikoli 64(2), 221(1) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Laurence Vella hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra

tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' mija u hamsa u sebghin Euro (€ 175.00).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' erbghin Euro (€ 40.00) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert Max Xuereb.[2]

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] In-nofs l-iehor tal-ispejjez gie kundannat ihallashom Paul Tabone (I.D. 53460(G)) fil-kawza deciza llum fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Tabone** (Kaz Numru 268/2013).